

31992R1332

27.5.1992

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

L 145/1

**IR- REGOLAMENT TAL-KUNSILL (KEE) Nru 1332/92**  
**tat-18 ta' Mejju 1992**  
**li jdaħħal miżuri speċifiċi għaż-żebug tal-mejda**

IL-KUNSILL TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ekonomika Ewropea, u b'mod speċjali l-Artikolu 43 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mressqa mill-Kummissjoni <sup>(1)</sup>,

Wara li kkunsidra l-fehma tal-Parlament Ewropew <sup>(2)</sup>,

Billi l-produzzjoni taż-żebug tal-mejda hija attività maġġuri ekonomika, speċjalment f'ċerti reġjuni Mediterranji tal-Komunità;

Billi l-qagħda fis-suq għaż-żebug tal-mejda hi rranġata b'mod medjokri għal ħtiġijiet kummerċjali rigward kemm il-kundizzjonijiet tal-produzzjoni kif ukoll il-kundizzjonijiet ta' l-ipproċessar u l-bejgħ;

Billi dik il-qagħda waslet għal żbilanċ bejn il-provvista u d-domanda, li twassal għall-ħolqien taż-żidiet fi snin riċenti;

Billi hemm prospetti ta' żieda fil-konsum, speċjalment permezz ta' informazzjoni aħjar għal min qed jużaha bħalissa jew se jużaha u aġġustament iżjed strett tal-produzzjoni biex jilħaq il-ħtiġijiet tal-konsumaturi;

Billi l-gruppi ta' kummerċ differenti fis-settur irid ikollhom rwol speċjali biex jimplementaw mezzi ta' kif jiġi żviluppat il-konsum;

Billi jrid isir provvediment biex ikunu mħeġġa miżuri speċifiċi biex jiżdied il-konsum taż-żebug tal-mejda permezz ta' kontribut finanzjarju mill-Komunità għal dawn il-miżuri;

Billi, sabiex gruppi ta' produttori jew assoċjazzjonijiet tagħhom li jipproduċu u jbiegħu żebug tal-mejda jkunu jistgħu jikkonċentraw il-provvista u jnaqqsu l-ammonti mehluha fis-suq permezz ta' kapaċità ta' ħażna xierqa, dawk il-gruppi jew l-assoċjazzjonijiet iridu jkunu mħeġġa, biex ikollhom ammont ta' flus imħaddma; billi, għal dak il-għan, iridu jsiru provvedimenti biex ikun hemm kontribuzzjonijiet finanzjarji mill-Istat Membri

u u l-Komunità, b'limitu stabbilit b'riferenza għall-valur tal-produzzjoni mibjugħ mill-gruppi ta' produttori u assoċjazzjonijiet marbuta fuq sena ta' *marketing* speċifika;

Billi, minħabba s-sitwazzjoni korrenti fl-Istati Membri produttori, l-koperattivi u l-assoċjazzjonijiet tagħhom iridu jitħallew jikkwalifikaw għal dik l-għajnuna għal perijodu limitat;

Billi dawk il-miżuri huma maħsuba biex jintlaħqu l-għanijiet ta' l-Artikolu 39 tat-Trattat; billi jrid ikun hemm provvediment biex il-Komunità tagħmel kontribut finanzjarju biex jitħaddnu l-miżuri msemmija permezz tal-Gwida Ewropeja Agrikola u l-Fond ta' Garanzija (EAGGF), Sezżjoni Garanzija,

ADOPTA DAN IR-REGOLAMENT:

*L-Artikolu 1*

Il-Komunità trid tikkontribwixxi sa 60 % ta' l-ispejjeż tal-miżuri biex tiżviluppa l-konsum taż-żebug tal-mejda fil-Komunità, imressqa u mħaddna minn gruppi rappreżentattivi li jiġbru flimkien tipi differenti ta' attività fis-settur. In-natura rappreżentattiva tal-gruppi trid tkun evalwata skond l-għan li jrid jintlaħaq.

*L-Artikolu 2*

1. Il-miżuri msemmija fl-Artikolu 1 għandhom jkunu maħsuba biex:

- jipromwovu l-kwalità tal-prodott, l-aktar permezz ta' studji fis-suq u riċerka fil-produzzjoni taż-żebug li jkollu kontenut ta'melħ baxx,
- tiżviluppa forum ġodda ta' imballaġġ,
- tagħti parir dwar il-bejgħ lill-operaturi differenti ekonomiċi fis-settur,
- tħeġġeġ il-pubbliċità u r-relazzjonijiet pubbliċi, inkluż l-organizzazzjoni ta', u l-parteċipazzjoni fi, fieri kummerċjali u avvenimenti kummerċjali oħra.

<sup>(1)</sup> ĠU C 213, tat-28.8.1990, p. 14 u

ĠU C 162, tal-21.6.1991, p. 6.

<sup>(2)</sup> ĠU C 67, tas-16.3.1992.

2. Il-miżuri skond l-Artikolu 1 jistgħu ma jkunux immirati lejn ditti kummerċjali jew jirriferu għal Stat Membru.

#### L-Artikolu 3

1. L-Istati Membri jridu jagħtu għajjnuna speċifika lill-gruppi jew l-assoċjazzjonijiet tagħhom tal-produtturi taż-żebru tal-mejda li huma skond il-kodiċi NM 0709 90 31, 0709 90 39, 0710 80 10, 0711 20, ex 0712 90 90, ex 2001 90 80, ex 2004 90 30 u 2005 70 00 li jissodisfaw il-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 5 u 6 (1) u (2) tar-Regolament (KEE) Nru 1360/78 <sup>(1)</sup> u li jikkostitwixxu kapital biex jitħaddem bil-għan li jistabilizza l-provvista billi jiżgura l-finanzjament ta' l-imħażen meħtieġa għar- rilaxx addattat tal-prodott fis-suq.

2. L-għajjnuna speċifika msemija fil-paragrafu 1 għandha tingħata darba biss, skond il-kapital li jitħallas kif ġej:

- 45 % mill-grupp tal-produtturi jew l-assoċjazzjoni tiegħu,
- 10 % permezz ta' għajjnuna mill-Istat Membru.

Il-kontribut tal-Komunità jrid jammonta għal 45 % tal-kapital. Iżda, l-impenn finanzjarju globali ta' l-Istat Membru u l-Komunità ma jistax jaqbeż l-10 % tal-valur tal-produzzjoni mibjugħa mill-grupp ta' produtturi jew l-assoċjazzjoni tiegħu f'sena waħda ta' marketing.

3. Biex tingħata l-għajjnuna msemija fil-paragrafu 1, il-koperattivi u l-assoċjazzjonijiet tagħhom imwaqfa skond il-leġislazzjoni fis-seħħ fis-settur konċernat għandha tkun meqjusa, għal perijodu massimu ta' tliet snin, bħala ekwivalenti għall-

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussel, fit-18 ta' Mejju 1992.

Għall-Kunsill

Il-President

Arlindo MARQUES CUNHA

gruppi ta' produtturi jew assoċjazzjonijiet tagħhom imsemmija fil-paragrafu 1. F'dak il-każ, il-koperattivi jew l-assoċjazzjonijiet tagħhom iridu jpoġġu garanzija biex jiżguraw il-ħlas lura ta' l-għajjnuna li rċevew, jekk l-obbligazzjonijiet imsemmija fil-paragrafi 1 u 2 ma jintlaħqux.

#### L-Artikolu 4

Il-ħlas parzjali tal-miżuri msemija fl-Artikolu 1 u l-għajjnuna maħsuba fl-Artikolu 3 għandhom ikunu meqjusa bħala miżuri ta' intervent biex jistabilizzaw is-swieq agrikoli skond l-Artikolu 3(1) tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 729/70 <sup>(2)</sup>. Huma għandhom ikunu finanzjati mill-Gwida Ewropea Agrikola u l-Fond ta' Garanzija (EAGGF), Sezżjoni Gwida.

#### L-Artikolu 5

Skond il-proċedura msemija fl-Artikolu 38 tar-Regolament Nru 136/66/KEE <sup>(3)</sup>, il-Kummissjoni trid:

- (a) tfisser il-miżuri msemija fl-Artikolu 2 ta' dan ir-Regolament;
- (b) taddotta regoli dettaljati għat-tħaddim ta' dan ir-Regolament; dawk ir-regoli dettaljati għandu jkollhom l-miżuri biex jissorveljaw l-użu ta' l-għajjnuna finanzjarja mill-Komunità.

#### L-Artikolu 6

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fit-tielet ġurnata wara l-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*.

<sup>(1)</sup> Regolament tal-Kunsill (KEE) 1360/78 tad-19 ta' Ġunju 1978 dwar gruppi ta' produtturi u l-assoċjazzjonijiet tagħhom (ĠU L 166, tat-23.6.1978, p. 1). Regolament kif emendat l-aħħar mir-Regolament (KEE) Nru 3763/91 (ĠU L 356, ta' l-24.12.1991, p. 1).

<sup>(2)</sup> Regolament tal-Kunsill (KEE) 729/70 tal-21 ta' April 1970 dwar l-iffinanzjar tal-politika agrikola komuni (ĠU L 94, tat-28.4.1970, p. 13). Regolament kif emendat l-aħħar mir-Regolament (KEE) Nru 2048/88 (ĠU L 185, tal-15.7.1988, p. 1).

<sup>(3)</sup> Regolament tal-Kunsill 136/66/KEE tat-22 ta' Settembru 1966 dwar it-twaqqif ta' l-organizzazzjoni komuni tas-suq taż-żjut u x-xaħmijiet (ĠU C 172, tat-3.9.1966, p. 3025/66). Regolament kif emendat l-aħħar mir-Regolament (KEE) 356/92 (ĠU L 39, tal-15.2.1992, p. 1).